MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2011

Numru. 89/2009

**Il-Pulizija**
**Spettur Johann J. Fenech**

**vs**

**Vincent Falzon**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Vincent Falzon, bin Saviour u Catherine nee' Bugeja, imwieled Zurrieq fil-11 ta' Gunju 1966 u residenti Torri Crt, Triq Nardu Sacco, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita' numru 249466(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-15 ta' Novembru 2007 ghall-habta tal-12.15hrs gewwa l-kamra tan-nar ta' Santa Katerina fil-limiti taz-Zurrieq, b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna il-mewt ta' Alfred Cassar u Nazzareno Barbara miz-Zurrieq.

F'kaz ta' htija l-Qorti kienet gentilment mitluba li tissospendi jew tirrevoka l-licenzja relattiva ta' l-imputata ghall-perjodu ta' zmien li jidhrilha xierqa.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 4 ta' Frar, 2009 (esebit *a folio* 7 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2009 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw spluzjoni li sehhet fil-kamra tan-nar ta' Santa Katerina li tinsab fl-inhawi maghrufa bhala Tal- Qortin, limiti tal-Bubaqra, z-Zurrieq fil-15 ta' Novembru 2007, ghall-habta ta' 12.15pm. L-isplujzjoni sehhet f'kamra partikolari biswit l-entratura tal-post tan-nar li fih isir it-tahlit tal-kimika. Bhala konsegwenza ta' din l-isplujzjoni tilfu hajjithom Nazzareno Barbara u Alfred Cassar[1] li kienu fil-kamra tan-nar meta sehhet l-isplujzjoni. Mill-provi rrizulta li Nazzareno Barbara instab mejjet midfun taht id-debris tal-kamra li splodiet filwaqt li Alfred Cassar li ttiehed l-Isptar midrub wara l-isplujzjoni miet fis-26 ta' Novembu 2007 bhala

[1] Certifikati tal-mewt relattivi nseriti a fol. 51 u 52 tal-atti processwali.

konsegwenza tal-griehi li kien sofra fl-imsemmija spluzjoni. Mill-provi rrizulta li d-detentur tal-licenzja ghal din il-kamra tan-nar kien l-imputat odjern. Skond id-dokument inserit a fol. 127 tal-Process Verbal inserit a fol. 17 tal-atti processwali fil-fatt jirrizulta li l-imputat huwa detentur ta’ licenzja Grupp ‘A’ mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija liema licenzja tikwalifika persuna sabiex timmanifattura u tissorvelja l-manifattura tax-xoghol tan-nar. Alfred Cassar kien detentur ta’ licenzja Grupp’ ‘B’ mahruga mil-Kummissarju tal-Pulizija liema licenzja tikwalifika persuna sabiex tghin fil-manifattura tal-loghob tan-nar taht is-supervizjoni ta’ persuna detentur tal-licenzja ’A’. Mil-provi rrizulta li Nazzareno Barbara ma kellu ebda licenzja sabiex jimmanifattura jew jaghmel xoghol ta’ loghob ta’ nar taht supervizjoni[2] izda huwa kien applika ghall-licenzja ’B’ fit-3 ta’ Ottubru 2007 u l-applikazzjoni tieghu kienet ghadha pendenti.

Dwar din l-ispluzjoni u dan l-incident fejn sfortunatament spiccaw sabiex tilfu hajjithom tnejn min-nies saret Inkjesta Magisterjali[3] fejn gew nominati diversi esperti sabiex jassistu lli Magistrat Inkwirenti, in-nomina tal-liema esperti giet debitament konfermata f’dawn il-proceduri permezz ta’ digriet tas-16 ta’ Ottubru 2009.

Minn ezami tar-rapport tal-espert il-Kaptan Jeffrey Curmi[4] jirrizulta li il-post fejn sehhet l-ispluzjoni jinstab ezattament fl-entratura ghall-istess fabbrika tan-nar. Kamra wahda biss dehret li ggarfet fl-ispluzjoni ; il-kmamar l-ohra dehru li baqghu intatti. Bosta gebel u bicciet ta’ knaten li taru bil-blast ta’ l-ispluzjoni kienu jidhru mxerdin fiz-zona, f’distanzi li jvarjaw minn xejn sa madwar hamsin metru. Il-persuna li mietet fuq il-post ta’ l-incident (Nazzareno Barbara) kienet ghada mirduma taht it-tifrik tal-kamra fejn sehhet l-ispluzjoni.
Skond ix-xhieda li nghatat mill-imputat quddiem l-espert nominat fl-Inkjesta Magisterjali il-Kaptan Jeffrey Curmi

---

[2] Ara xhieda ta’ PS 537 Stuart Vella li ta d-dettalji dwar il-licenzji relattivi meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-30 ta’ Novembru 2009. Ara wkoll xhieda ta’ PS678 Bernard Bunce a fol. 39 u d-dokumenti minnu esebiti a fol. 41 sa 44.
[3] Process Verbal relattiv inserit a fol.  17 tal-atti processwali.
[4] Rapport inserit a fol. 120 sa 126 tal-Process Verbal.

(Dokument JC02), wiehed mill-persuni li ndarbu kien qieghed jahdem bit-tahlita tal-berqa. Din it-tahlita hija sensittiva immens u ta’ sahha liema bhala. Infatti hija kkunsidrata wahda mill-aktar splussiv b’sahhtu li jintuza fil-manifattura tal-loghob tan-nar. L-effetti bazici taghha huma ta’ blast, hruq u hoss. Il-blast li tipproduci spluzjoni ta’ dan l-isplussiv jista’ jkisser u jfarrak kull ma jkun jinstab fil-madwar u jipprogetta l-‘fragments’ l’boghod b’sahha kbira. Infatti, il-kamra li go fiha kien qieghed isir ix-xoghol iggarfet kompletament, u bosta gebel li kienu jaghmlu l-hitan u s-saqaf gew ipprogettati f’distanza.

Mir-rapport tal-Kaptan Jeffrey Curmi jirrizulta wkoll li l-fatt li l-materjal splussiv li jintuza fil-manifattura tal-loghob tan-nar huwa sensittiv immens u ghalhekk qatt ma jista’ jigi eliminat ir-riskju ta’ incidenti simili bhal dak li jiffurmaw il-mertu tal-kawza odjerna. Jekk f’xi hin dan il-materjal bhal ma hi l-berqa, jigi espost ghall-‘friction’, hemm possibilita kbira li dan jisplodi, jghid l-espert li jsipjega wkoll li hemm aktar fatturi li jistghu jikkontribwixxu biex jaghmlu splussiv sensittiv aktar sensittiv, bhal per ezempju xi ‘impurities’ li jistghu jispiccaw mas-sustanzi mhallta (bhal tniggis mill-ilma uzat u kontaminazzjoni minn materjal iehor), fatturi fit-temp/klima, etc… L-imputat meta xehed quddiem l-espert qal li t-tahlita tal-berqa ghamilha billi hallat ‘Potassium Chlorite’, ‘Aluminium’ u ‘Antimonju’. L’Antimonju’ bl-Ingliz jissejah Antimony Trisulphide [Sb2S3]. Il-fatt li s-‘Sulphur’ [S] jithallat ma’ din it-tahlita, generalment jaghmel l-isplussiv aktar sensittiv u infatti l-ligi tiprojbixxi ‘tahlita ta’ klorat tal-potassa u kubrit jew xi kolorat f’xi tahlita mal-kubrit’. Il-fatt li l-ligi ssemmi biss ‘kubrit’ (sulphur) u ma ssemmix ‘compounds of sulphur’ bhal ma hu l-‘Antimony Trisulphide’, tista’ twassal ghal ftit dubju jekk dan ta’ l-ahhar hu legali jew llegali li tuzah. Jsipejga il-Kaptan Curmi.

L-espert wara li gahmel dawn il-konstatazzjonijiet ikkonkluda s-segwenti:-

« Mill-evidenza li ngabret mid-dehra tal-post kif ukoll mix-xhieda tal-licencee l-esponent hu tal-fehma li l-kawza ta’ l-incident kienet spluzjoni ta’ materjal splussiv (berqa) liema

splussiv hu ta’ sahha liema bhala kif ukoll sensittiv hafna ghal-shanat, xokk u ‘friction’. Dan ifisser li l-persuna li kienet qeghda tahdem b’dan il-materjal kienet esposta ghar-riskju ta’ spluzjoni bhal ma grat ; ftit ‘friction’ tista’ facilment tqabbad dan il-materjal. Ghalkemm l-ispluzjoni halliet zewg vittmi, ma jidhirx li kien hemm kwantitajiet eccessivi ta’ splussiv fil-‘workshop’, ghax kieku l-effetti setghu ikunu aghar.

Ghalkemm il-ligi m’hix cara dwar it-tahlit ta’ ‘potassium chlorate’ u ‘sulphur’ i.e. ma tispecifikax jekk ‘compounds of sulphur’ humiex illegali jew le, l-espert hass li ghandu d-dover li jirrikmanda li jigi evitat l-uzu tal-‘Antimony Trisulphide’ f’tahlita bhal din, irrilevanti kif hu jinterpreta l-ligi. Min naha l-ohra, ghandu jibqa’ jsostni fuq il-haddiema tieghu (bhal ma jidher li kien ghamel) biex jintuzaw ammonti zghar ta’ tahlit waqt il-manifattura tal-loghob tan-nar. B’hekk l-effetti ta’ spluzjoni mhux kontrollata jigu mnaqqsa kemm jista’ jkun ».

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat xehed quddiem l-espert mahtur fl-Inkjesta Magisterjali l-Kaptan Jeffrey Curmi[5] fil-15 ta’ Novembru 2007 fejn qal is-segwenti :-

« Illum, nhar il-Hamis 15 ta’ Novembru 2007 ghall-habta tas-7.00am, mort il-kamra tan-nar li jien responsabbli taghha, cioe kamra tan-Nar Santa Katarina li tinsab iz-Zurrieq, limiti ta’ Bubaqra. Dak il-hin jien preparajt zewg tahlitiet ta’ berqa. Kull tahlita madwar 3.5 artali. Dawn hallejthom f’kamra ohra li kienet tinsab ‘l boghod mill-post fejn sehh l-incident.

Dan it-tahlit preparajtu biex meta jigi Fredu jibda jimla. Fredu, li wegga’ f’dan l-incident huwa membru li jahdem il-loghob tan-nar fil-kamra taghna. Huwa licenzjat bhala ‘licence B’ mill-Pulizija. Meta hallat it-tahlita, jien kont wahdi fil-post tan-nar. It-tahlita kienet tikkonsisti fi klorat tal-putassa, aluminium u antimonju, 2 :1 :1/2

[5] Traskrrzzjoni tax-xhieda inserita a fol. 128 tal-Process Verbal.

rispettivament. Ghal habta ta’ 9.00am wasal Fredu. Jien tajtu t-tahlita, u dan mar fil-kamra (fejn sehh l-incident) u beda jimla l-beraq. Dan ix-xoghol isir regolarment minn Fredu. Meta Fredu kien qed jimla, jien mort fil-kmamar ta’ gewwa, nkompli xogholi, cioe nipressa l-istilla. Waqt li kont hemm gew wasal Zaren Barbara. Jien ma kontx naf bil-wasla tieghu ghax hdejja ma giex, pero apparetement mar hdejn Fredu. Zaren mhux haddiem tal-loghob tan-nar u m’ghandux licenzja mill-Pulizija. Normalment Zaren jigi fil-kamra biex jara kemm ikollna bzonn takki u jitlaq.

Ghal habta ta 1230pm smajt spluzjoni u tlaqt nigri biex nara x’ gara. L-ewwel haga li rajt kienet dahna bajda. Il-kamra fejn kien hemm Fredu kienet distrutta bl-ispluzjoni, u lmaht lill Fredu ma’ l-art qrib il-fdal tal-kamra. Rajt ukoll lil Zaren taht it-tifrik. Fredu beda jajjat bl-ugiegh. Jien rajt hruq fuq Fredu, demm ma kullimkien, ma nafx jekk rajtx li kellu xi partijiet minn gismu nieqsa bil-fixkla tal-mument. Ftit wara l-ispluzjoni bdew jaslu xi nies biex jaraw x’ gara, u xi whud minnhom talbu ghall-ghajnuna. Minn hemm bdew haddiema tas-sigurta u ambulanza li hadet lil Fredu l-isptar.

Nixtieq inzid nghid li wara li hallatt it-tahlit, inhsilt u hsilt il-kamra ».

L-imputat ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri[6] fejn huwa kkonferma dak li kien qal meta xehed bil-gurament quddiem il-Kaptan Jeffrey Curmi. Huwa spjega li meta sehh l-incident huwa kien fil-kamra tal-pressa li tinsab madwar 110 metru l-boghod mill-kamra fejn sehh l-incident. Huwa spjega li ma kienx jaf li Nazzareno Barbara kien wasal fuq il-post u mar hdejn Alfred Cassar u qal li Barbara kien dilettant tan-nar izda ma kienx jahdem in-nar ghaliex ma kellux licenzja. L-imputat spjega li dan Barbara kien jaghmlilhom xi xoghol li ma kienx isir fil-kamra tan-nar bhal xoghol tal-kartun u huwa kien jitla fil-kamra tan-nar sabiex jara jekk ghandhmx bzonn jordnaw xi xoghol. L-imputat insista li huwa kien jaghti struzzjonijiet lil min ma kellux licenzja sabiex jahdem in-nar sabiex ma jidholx fil-

[6] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva inserita a fol. 56 sa 65 tal-atti processwali.

kamra tan-nar izda jsejjahlu min barra sabiex huwa imbaghad johrog u jkellmu. Huwa qal li daknhar la kien awtorizza lil Barbara sabiex jidhol u l-anqas awtorizza lil Cassar sabiex ihallih jidhol. L-imputat qal ukoll li huwa ilu jahdem in-nar sa mill-1985 u ilu detentur tal-licenzja ‘A’ sa mil-1992 u spjega li tul dawn is-snin qatt ma kellu ncidenti bin-nar. Huwa sostna wkoll li fl-entratura tal-kumpless hemm sinjal li jindika l-periklu u li l-access huwa limitat ghal min huwa licenzjat u spjega li dawn is-sinjali kienu skond ma titlob il-ligi. Huwa qal li x-xatba tal-kumpless kienet maghluqa izda l-ewwel qal li din ma kinitx tissakkar sabiex tippermettilhom johorgu malajr f’kaz ta’ emergenza izda imbaghad in kontro-ezami wara li gie issikkat mill-Ufficjal Prosekutur li kien qed jikkonduci l-kontro-ezami ammetta li din kienet tissakkar minn gewwa u sabiex dahal Zaren Barbara fil-kumpless xi hadd minn gewwa bilfors kien fetahlu x-xatba. Meta gie rilevat lill-imputat li mir-rapport u mix-xhieda ta’ PS386 Joe Cauchi[7] jirrizulta li meta huwa wasal fuq il-post u kellem lill-imputat dan tal-ahhar kein qallu li fil-kamra li kienet splodiet kien hemm jahdmu tnejn min-nies, Barbara u Cassar, l-imputat sostna li huwa fil-fatt kien qal lis-Surgent li fil-kamra kien hemm tnejn min-nies feruti u mhux tnejn min-nies qed jahdmu.

F’dawn il-proceduri l-imputat produca bhala xhieda lil Josef Mangoin u lil Alan Hayman[8] fejn dawn it-tnejn ikkonfermaw li kienu licenzjati sabiex jahdmu n-nar u kienu jmorru jaghmlu n-nar fil-kamra tan-nar ta’ Santa Katerina taht is-supervizjoni tal-imputat u fejn dawn spjegaw li l-access ghall-kumpless kien limitat ghal min kellu licenzja u li kull min kellu licenzja kellu c-cavetta tax-xatba u qalu wkoll li l-imputat kien izomm hafna dixxiplina fil-kumpless tan-nar.

Ikkunsidrat :

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali u cioe’ talli b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew nuqqas ta’ hila fl-arti

[7] It-traskrizjoni tax-xhieda u l-okkorrenza relattiva jinsabu inseriti a fol. 21 sa 27 tal-atti processwali.
[8] Li t-tnejn xehdu waqt l-udjenza tas-26 ta’ Novembru 2010.

jew professjoni tieghu jew altrimenti b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta’ Alfred Cassar u Nazzareno Barbara.

Illi l-Qorti fliet bir-reqqa l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz b’mod partikolari ir-rapport tal-espert minnha nominat il-Kaptan Jeffrey Curmi minn fejn jirrizulta li il-fabbrika tan-nar in dizamina kienet tidher mizmuma bil-ghaqal u fejn setghu jigu nnutati diversi punti posittivi, bhall-indafa u l-organizazzjoni, li jaghtu hjiel li l-imputat u n-nies li kienu jahdmu taht is-supervizjoni tieghu kienu jinsistu u jaghmlu l-ghalmu taghhom sabiex jevitaw l-incidenti. L-espert irrileva wkoll li l-ispluzjoni ma kinitx wahda kbira hafna u dan kien jindika li fil-mument li sehhet l-ispluzjoni ma kinitx qed tintuza ammont kbir ta’ tahlita f’daqqa u cioe’ kien qed jigi segwit proprju dak li huwa rikjest minn bniedem prudenti li jkun qed jahdem in-nar. L-espert fil-konkluzjonijiet tieghu irrakkomanda lill-imputat sabiex jevita li jutilizza s-sustanza tal-‘Antimony Trisulphide’ fit-tahlita u dan ghalkemm din is-sustanza mi’hijiex wahda illegali. Il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijiet tal-espert minhna nominat u taderixxi u taghmle taghha l-istess konkluzjonijiet u taqbel ukoll li l-unika nuqqas li jista’ jigi atribiwit fic-cirkostanzi huwa l-prezenza ta’ wiehed mill-vitmi, Nazzareno Barbara, fil-kumpless. Mill-provi rrizulta li Barbara ma kienx licenzjat sabiex jahdem jew jghin fil-manifattura tan-nar u ghalhekk huwa ma kellux ikun prezenti fil-fabbrika tan-nar. Ir-regolamenti[9] jipprovdu li persuna mhux licenzjata li trid taccedi f’fabbrika tan-nar sabiex taghmel manutenzjoni jew taghmir fil-post trid iggib il-permess relattiv mingahnd il-Pulizija tad-Distrett fejn hemm il-fabbrika u meta taccedi fil-fabbrika trid tkun akkompanjata minn persuna li jkollha l-licenzja ‘A’. M’huwiex kontestat li Barbara ma kellux licenzja jew permess sabiex jaccedi fil-fabbrika tan-nar. L-imputat isostni li dan acceda ghall-fabbrika u dahal fil-kamra fejn kien qed isir ix-xoghol tan-nar da parti ta Alfred Cassar ad insaputa tieghu. Il-Qorti jidrilha li mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jirrizulta sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat kien jaf li Nazzareno Barbara kien acceda fil-kumpless.

9 LS33.03 re.6(3).

Dan jirrizulta mix-xhieda ta PS 386 u mil-okkorrenza minnu esebita. Il-Qorti ma jidrilhiex li tista’ temmen il-verzjoni moghtija mill-imutat fir-rigward ta’ dan il-fatt, u cioe’ fejn huwa qed jghid li ma kienx jaf li Nazareno Barbara kien dahal gewwa l-kumpless. Irid jigi rilevat li meta xehed quddiem l-espert ghalkemm huwa qal li ma kienx jaf li Barbara kien wasal fuq il-post l-imputat kien qal ukoll li dan (Barbara) kien abitwalment jitla’ l-kamra tan-nar izda biss sabiex jara ghandhomx bzonn xi haga. F’dak l-istadju l-imputat ghazel lli ma jiprecizax li Barbara ma kienx jaccedi fil-kumpless izda qal biss li huwa ma kienx jaghmel xoghol ta’ nar meta jmur fil-kumpless. Il-Qorti jidrilha li mill-provi rrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien jaf li Barbara kien dahal fil-kumpless dakinhar tal-ispluzjoni u rrizulta wkoll li huwa kien jippermetti lil Barbara jaccedi fil-kumpless nonostante li dan kien espressament projibit mir-regolamenti stante li ma kienx detentur ta’ licenzja. Fil-fehma tal-Qorti dan in-nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti da parti tal-imputat wassal ghall-mewt ta’ Barbara statne li kieku huwa ma thaliex jidhol fil-kumpless huwa ma kienx ikun fil-kamra meta sehhet l-ispluzjoni.

Il-Qorti kif intqal aktar ‘il fuq ma setghat tirriskontra ebda traskuragni jew nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti ohra da parti tal-imputat u ghalhekk huwa ser jinstab hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu biss in kwantu din hija riferibbli ghall-mewt ta’ Nazzareno Barbara u mhux ghal dak ta’ Alfred Cassar.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti qieset il-fatt li mill-provi rrizulta li l-imputat kien jaghmel xogholu bil-ghaqal u li kien jahgmel l-ghalmu tieghu sabiex jigu evitati l-incidenti u li l-unika nuqqas tieghu kien li ppermetta li persuna mhux licenzjata taccedi fil-kumpless u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena pekunjarja u mhux wahda ta’ prigunerija. Il-Qorti jidrilha wkoll li s-sospensjoni tal-licenzja mitluba mill-Prosekuzzjoni m’hijiex opportuna fic-cirkostanzi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni

migjuba fil-konfronti tieghu izda limitatament in kwantu din hija riferibblli ghall-mewt ta' Nazzareno Barbara u tikkundannah multa ta' sebat elef Ewro (€7,000.00).

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat Vincent Falzon sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tlett elef u sitta u hamsin ewro u disgha u tletin ewro centezmi (€3,056.39) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------